**QORTI CIVILI - PRIM'AWLA**
**SEDE KOSTITUZZJONALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 28 ta' Novembru, 2024**

**Kawża Numru: 9**

**Rikors Guramentat Numru:- 143/2023 JVC**

**Danyal Qadar Dad Tarar (K.I. Nru. 0379809(L))**

**Vs**

**L-Avukat u tal-Istat u Beacon Media Group Limited (C12857)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors kostituzzjonali ta' Danyal Qadar Dad Tarar (KI, Nru 0379809 (L) illi permezz tieghu talab kif isegwi:

1) ‘Illi l-ilment tar-rikorrent fir-rigward tal-Avukat tal-Istat huwa li l-intimat ma jirrispettax id-drittijiet tieghu taht l-artikoli 1,2,3,4,5,6 u 7 KAPITOLU 319 ATT DWAR IL-KUNVENZJONI EWROPEA, meta l-awtoritajiet Maltin bdew kawza kriminali kontra l-applikant meta allegati reati-twettqu fil-Pakistan fl-2009, meta l-qrati l-Kriminali Maltin ma ghandhom l-ebda gurisdizzjoni fuq kaz kriminali meta l-kwistjoni hija preskritta, il-pulizija naqset mill taghti notifika tal-alegazzjonijiet lill-appilkant, u ma kien hemm l-ebda ilment jew rapport kien ipprezentat kontra applikant, mandat ta’ arrest inhareg kontra persuna akkuzata meta ma ntbaghat l-ebda notifika ta’ allegazzjoni lill-persuna akkuzata, persuna akkuzata giet interrogata minghajr il-prezenza ta’ avukat, m’hemmx dokumenti originali allegati foloz disponibbli fil-fajl tal-kaz u espert tal-kitba ezamina l-persuni akkuzati kalligrafija permezz ta’ dokumenti ta’ fotokopji.

2) L-ilment l-iehor tar-rikorrenti fir-rigward tal-Avukat tal-Istat huwa l-intimat ma jirrispettax l-artikolu 34 EU charter meta l-appilkant ikun qed jiffaccja kawza kriminali biex jircievi beneficcji tal-qghad meta l-persuna akkuzata kienet qieghda.

3) L-ilment tar-rikorrent fir-rigward tan-Newsbook huwa li l-intimat ma jirrispettax d-drittijiet tieghu taht l-artikolui 2,6 u 8 tal-KEDB meta l-intimat ippubblika ahbarijiet kontra l-akkuzat u uza r-referenza tal-kawza kriminali tieghu kontrih, meta l-akkuzat ikun dritt tal-principju tal-prezunzjoni tal-innocenza sakemm tigi ppruvata hatja li tippubblika ahbarijiet kontra l-akkuzat fid-19 ta’ Marzu 2023 li l-akkuzat qed jiehu hlasijiet minghand il-klijenti meta l-

persuna akkuzata ghandha dritt li taghmel negozju u dritt ghall-hajja u dritt li privatezza.

**<u>Li l-fatti huma dawn li gejjin:</u>**

4) Danyal Qadar Dar Tarar huwa cittadin Malti mit-twelid, imwieled il-Belt Valletta datata l-1 ta' Jannar 1979, Ghandu zewgt itfal Minuri Maltin u mara Maltija, Danyal Qadar Dad Tarar ghandu nazzjonalita' wahda Maltija. Il-Pulizija Maltija bdiet kawza kriminali kontra l-applikant Il-Pulizija(Ispetturi Omar Zammit u Geofrrey Cutajar) vs Danyal Qadar Dad Tarar.

5) L-applikant qed jiffaccja kawza kriminali l-pulizija vs Danyal qadar dad tarar, meta l-kwistjoni tkun preskritta u l-qrati Maltin ma jkollhom ebda gurisdizzjoni fuq allegati reati.

6) Id-data tad-19 ta' Marzu 2023 Newsbook ippubblika ahbarijiet kontra l-applikant, biex jircievi mizati minghand il-klijenti meta l-applikant ikun ta' nazzjonalita' Maltija u jkollu dritt li jaghmel negozju.Mehmuza l-Annessi A,B u c.

**Ghaldaqstant, l-esponent jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha**

L-applikant ghandu jinghata rimedji bi ksur tad-drittijiet kostituzzjonali u umani tieghu Skont il-Kostituzzjoni ta' Malta u skont il-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta:

i)Tiddikjara li l-avukat tal-istat intimat u l-pulizija ma jirrispettawx id-drittijiet tieghu taht l-artikoli 1,2,3,4,5,6 u 7 KAPITOLU 319 ATT DWAR IL-KUNVENZJONI EWROPEA, meta l-awtoritajiet Maltin bdew kawza akkuzi kriminali kontra r-rikorrent meta allegati reati twettqu fil-Pakistan fl-2009, meta l-qrati kriminali Maltin ma ghandhomx gurisdizzjoni fuq kaz kriminali meta l-kwistjoni tkun preskritta, il-pulizija naqset milli taghti notifika tal-allegazzjonijiet lill-applikant, u ma kien hemm l-ebda ilment jew rapport gie pprezentat kontra l-applikant, inhareg mandat ta' arrest kontra persuna akkuzata- giet interrogata minghajr il-prezenza ta' avukat, m'hemmx dokumenti originali allegati foloz disponibbli fil-fajl tal-kaz u espert kalligrafija ezamina l-persuni akkuzati kalligrafija permezz ta' dokumenti fotokopjati.

ii.Tiddikjara li l-intimat ma jirrispettax l-artikolu 34 tal-karta tal-UE, meta l-applikant ikun qed jiffaċċja kawża kriminali biex jirċievi benefiċċji tal-qgħad meta l-persuna akkużata kienet qiegħda.

iii. Tiddikjara li l-intimat Newsbook kiser l-artikolu 2, 6 u 8 tal-KEDB meta l-intimat ippubblika aħbarijiet fil-konfront tal-akkużat u uża r-referenza tal-kawża kriminali tiegħu kontrih, meta l-akkużat għandu dritt ta' preżunzjoni tal-innoċenza sakemm jiġi ppruvat ħati li jippubblika aħbarijiet kontra l-akkużat fid-19 ta' Marzu 2023 li l-akkużat qed jieħu ħlasijiet mingħand il-klijenti meta l-persuna akkużata għandha dritt li tagħmel negozju u dritt għall-ħajja u dritt għall-privatezza.

iv. Agħti ordnijiet, direttivi u rimedji effettivi u xierqa għall-esponent.

v. L-applikant jitlob li dan il-każ jiġi ttrattat skont proċedura mħaffa.

Bl-ispejjeż.'

Rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat illi taqra kif isegwi:

1. 'Illi fl-ewwel lok, ir-rikors Kostituzzjonali huwa wieħed frivolu u vessatorju u għandu jiġi dikjarat bħala tali a tenur tal-Artikolu 4(5) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Illi preliminarjament u bla ħsara għas-suespost, ir-rikors Kostituzzjonali huwa wieħed konfużjonarju, tant li ma hemmx imfisser sew x'inhuma l-lanjanzi tar-rikorrenti. Għaldaqstant, l-esponent qiegħed minn issa jirriżerva l-jedd li jressaq eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun hemm il-ħtieġa;
3. Illi preliminarjament u bla ħsara għas-suespost, in kwantu l-ewwel (i) talba hija indirizzata fil-konfront tal-Pulizija, din ma tistax tirnexxi u dan stante li l-Kummissarju tal-Pulizija ma huwiex parti f'dawn il-proċeduri. Għall-integrita' tal-ġudizzju, din l-Onorabbli Qorti għandha tikkonsidra huwiex il-każ li jiġi kjamat fil-kawża l-Kummissarju tal-Pulizija;
4. Illi preliminarjament u bla ħsara għas-suespost, in kwantu li fit-tieni (ii) talba r-rikorrent qiegħed jitlob li din l-Onorabbli Qorti *'Tiddikjara li l-intimat ma jirrispettax l-artikolu 34 tal-karta tal-UE, meta l-applikant ikun qed jiffaċja kawza kriminali biex jirċievi benefiċċi tal-qgħad meta l-persuna akkużata kienet qiegħda'*, l-esponent iwieġeb li f'każ li r-rikorrent qiegħed jilment dwar waqfien ta' benefiċċji tas-Sigurta' Soċjali, l-esponent ma huwiex il-leġittimu kuntradittur. F'kwalunkwe każ, din it-talba għar-raġunijiet li ser jiġi spjegati hija improponibbli;

5. Illi wkoll preliminarjament u bla ħsara għas-suespost, dawn il-proċeduri huma prematuri u intempestivi, tant li l-proċeduri penali fil-konfront tar-rikorrent u ċioe' dawk fl-ismijiet '*Pulizija (Spettur Omar Zammit) (Spettur Geoffrey Cutajar) vs Danyal Qadar Dad Tarar*' għadhom fi stadju bikri u għadhom qegħdin jitressqu l-provi tal-prosekuzzjoni. Jirriżulta li r-reati li tagħhom huwa akkużat ir-rikorrent huma reati serji. Filfatt ir-rikorrent huwa li nhar l-24 ta' Settembru 2020 u fix-xhur u snin ta' qabel, f'dawn il-gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda ikkommetta b'frodi b'egħmil qarrieqi skond l-Artikolu 308 tal-Liġijiet ta' Malta, qliegħ ieħor b'qerq bi ksur tal-Artikolu 309 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'falsifikazzjoni u għalhekk bi ksur tal-Artikolu 183 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, huwa akkużat li għamel użu minn att, kitba jew skrittura falza a tenur tal-Artikolu 184 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, akkużat li saret falsifikazzjoni minnu jew ta' dikjarazzjoni falza jew ċertifikat falz bi ksur tal-Artikolu 185(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, akkużat talli xjentement għamel użu minn wieħed mid-dokumenti imsemmija fl-Artikolu 186 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u akkużat ukoll talli sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentament għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta' tagħrif falz u dan bi ksur tal-Artikolu 188(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. It-talbiet rikorrenti ma jistgħux jintlaqgħu meta wieħed iqis li l-proċeduri għandhom fl-istadju tal-ġbir tal-provi tal-Prosekuzzjoni. Għaldaqstant, a tenur tal-Artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, din l-Onorabbli Qorti għandha tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha;

6. Illi bla ħsara għas-suespost, l-allegazzjonijiet, il-pretensjonijiet u t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom;

7. Illi bla ħsara għas-suespost, l-Artikoli 1, 2, 3, 4, 5, 6 u 7 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta huma inapplikabbli għal każ odjern. Dawn jitrattaw rispettivament it-titolu tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, l-esegwibbiltà tal-Konvenzjoni, il-Proċedura għall-esekuzzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali, id-dritt ta' petizzjoni individwali, l-esegwibbiltà tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u disposizzjoni tranżitorja u ċioe' li ebda ksur tal-Artikoli tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem li jkun sar qabel id-dati indikati fl-Artikolu 7 ma jagħtu lok għal xi azzjoni taħt l-Artikolu 4 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Konsegwentement ma jistax jinstab ebda ksur ta' dawn l-Artikoli u għalhekk l-ewwel (i) talba għandha tiġi miċħuda;

8. Illi bla ħsara għas-suespost, f'każ li r-rikorrent qiegħed jirreferi għall-ewwel artikolu tal-ewwel skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, l-esponent iwieġeb li ma hemmx ksur ta' dan l-Artikolu. Ma hemmx ksur tad-dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tar-rikorrent. Ir-rikorrent imkien fir-rikors promotur ma jfisser kif allegatament qiegħed jiġi leż id-dritt tiegħu taħt dan l-Artikolu;

9. Illi bla ħsara għas-suespost, f'każ li r-rikorrent qiegħed jirreferi għall-Artikolu 2, 3 u 4 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, l-esponent iwieġeb li din hija wkoll infondata. Ma hemm l-ebda ksur għad-dritt għall-ħajja, ir-rikorrent ma huwiex jiġi assoġġettat għal tortura jew għal trattament jew piena inumana jew degradanti tant li l-proċeduri penali fil-konfront tar-rikorrent għadhom

pendenti u lanqas ma qiegħed jinżamm fi skjavitu` jew f'servitu`;

10. Illi bla ħsara għas-suespost, f'każ li r-rikorrent qiegħed jirreferi għall-Artikolu 5 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta li jirrigwarda d-dritt tiegħu għall-libertà u għas-sigurtà, l-esponent iwieġeb li dan l-Artikolu huwa intiż sabiex iħares lill-individwu minn detenzjoni arbitrarja. Sabiex id-detenzjoni ma tkunx arbitrarja, dik id-detenzjoni trid tkun skond il-liġi u konsistenti mal-għan tal-istess disposiżżjonijiet tal-liġi, u ċioe' li l-individwu jiġi mħares mill-arbitrarjetà. Madanakollu dan il-prinċipju ma huwiex assolut. Għalhekk, jekk l-ilment tar-rikors huwa marbut mal-fatt li r-rikorrent kien inħareġ mandat ta' arrest fil-konfront tiegħu, dan bl-ebda mod ma jfisser li ġie leż id-dritt tiegħu għall-libertà u sigurtà. L-Artikolu 5 jikkontjeni lista eżawrjenti tar-raġunijiet li għalihom tista' titneħħa l-libertà ta' xi persuna, fosthom skond is-subinċiż (1)(b) *'l-arrest jew id-detenzjoni skont il-liġi ta' persuna għal nuqqas ta' tħaris ta' ordni skont il-liġi ta' qorti jew sabiex jiġi żgurat it-twettiq ta' xi obbligu preskritt mil-liġi'*. Relevanti wkoll għal dan il-każ huwa is-subinċiż (1)(ċ) *'l-arrest jew detenzjoni skont il-liġi ta' persuna effettwata sabiex tiġi miġjuba quddiem l-awtorità legali kompetenti fuq suspett raġonevoli li tkun ikkommettiet reat jew meta jkun meqjus raġonevolment meħtieġ biex jiġi evitat li tikkommetti reat jew li taħrab wara li tkun għamlet reat'*;

11. Illi għalhekk kemm il-mandat ta' arrest u l-arrest innifsu jsibu bażi fil-liġi  u għaldaqstant ma hemm l-ebda raġuni biex jiġi ddikjarat li seħħ ksur tal-Artikolu 5 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

12. Illi bla ħsara għas-suespost, jekk ir-rikorrent qiegħed jallega ksur tal-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-

Liġijiet ta' Malta, l-esponent iwieġeb li ma kienx hemm ksur tad-dritt tar-rikorrent għal smigħ xieraq. L-Artikolu 6 jipprovdi li s-smigħ għandu jkun pubbliku u għandu jkun quddiem Qorti jew Tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf bil-liġi. Ma sar xejn matul il-proċess kriminali li b'xi mod seta' jinċidi fuq id-drittijiet tar-rikorrent, u ma jirriżulta minn imkien li b'xi mod ġiet mittiefsa xi waħda mill-protezzjonijiet mogħtija bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali;

13. Illi bla ħsara għas-suespost, jirriżulta li (a) il-proċeduri kollha qegħdin jinżammu u qegħdin jiġu determinati minn Qorti indipendenti u imparzjali, (b) ir-rikorrent għandu aċċess għall-Qorti, (ċ) is-smigħ kollu qiegħed isir fil-preżenza tar-rikorrent, (d) il-partijiet qegħdin jiġu trattati b'mod ugwali mingħajr ebda vantaġġ proċedurali minn xi persuna fuq oħra, (e) ir-rikorrent qiegħed jingħata l-opportunità kollha biex jiddenfendi l-każ tiegħu mingħajr xkiel; (f) ir-rikorrent huwa megħjun minn Avukat tal-fiduċja tiegħu tul il-proċeduri; u (ġ) ir-rikorrent qiegħed jingħata ż-żmien u l-faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tal-każ tiegħu;

14. Illi bla ħsara għas-suespost, ma hemm l-ebda dubbju li r-rikorrent jaf x'inhuma l-akkużi kontrih u apparti minn hekk, huwa ngħata l-opportunità li jipprepara d-difiża tiegħu. Fis-sustanza għalhekk, assolutament b'ebda mod ma jista' jingħad li r-rikorrent ma kellux jew mhux ser ikollu smiegħ xieraq. Kwistjonijiet dwar fejn allegatament twettqu r-reati, meta twettqu, x'provi tressqu jew li għad iridu jitressqu jaqgħu fil-mansjoni tal-Qorti li qiegħda tisma' l-kawża fil-konfront tal-akkużat;

15. Illi bla ħsara għas-suespost, in kwantu r-rikorrent qiegħed jallega li ġie interrogat mingħajr il-preżenza ta' Avukat, l-esponent iwieġeb li r-rikorrent ingħata d-drittijiet kollha inkluż li jkellem Avukat u anke li l-Avukat ikun preżenti waqt l-interrogazzjon. Kien ir-rikorrent li għażel li ma jkollux Avukat preżenti waqt l-istqarrija;

16. Illi bla ħsara għas-suespost, fuq kollox għandu jiġi mfakkar li f'analiżi ta' jekk seħħx ksur tad-dritt tas-smigħ xieraq, wieħed irid iqis it-totalità tal-proċeduri u mhux jalaċċja ma' xi inċident partikolari waħdu;

17. Illi bla ħsara għas-suespost, f'każ li r-rikorrent qiegħed jirreferi għall-Artikolu 7 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, l-esponent iwieġeb li ma hemmx ksur ta' dan l-Artikolu. Ma jirriżultax li r-rikorrent huwa akkużat b'reat kriminali minħabba xi att jew ommissjoni li ma kienux jikkostiwixxu reat fil-ħin li allegatament sar. F'dan l-istadju l-proċeduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent għadhom pendenti u għalhekk ilment marbut mal-imsemmi Artikolu huwa manifestament intempestiv;

18. Illi bla ħsara għas-suespost, in kwantu r-rikorrent qiegħed fit-tieni (ii) talba jitlob lil din l-Onorabbli Qorti '*Tiddikjara li l-intimat ma jirrispettax l-Artikolu 34 tal-Karta tal-UE, meta l-applikant ikun qed jiffaċċja kawża kriminali biex jirċievu tal-qgħad meta l-persuna akkużata kienet qiegħda*', l-esponent fuq linea preliminari jeċepixxi l-inapplikabbiltà tal-Karta tad-Drittijiet Fondamentali tal-Unjni Ewropea u dan stante li l-Karta tapplika eskussivament '*għall-istituzzjonijiet, għall-korpi u għall-aġenziji ta' l-Unjoni fir-rispett tal-prinċipju ta' sussidjarjetà u għall-Istati Membri wkoll biss meta jkunu qed jimplimentaw il-liġi ta' l-Unjoni. Huma għandhom għaldaqstant jirrispettaw id-drittijiet, josservaw il-prinċipji u jippromwovu l-applikazzjoni*

*tagħhom, skond il-kompetenzi rispettivi tagħhom u fir-rispett tal-limiti tal-kompetenzi ta' l-Unjoni kif mogħtija lilha fit-Trattati'* u dan a tenur tal-Artikolu 51(1) tal-istess karta. Konsegwentament l-Artikolu 34 tal-Karta mhux invokabbli fil-proċeduri odjerni u għalhekk it-talba tar-rikorrent f'dan is-sens hija improponibbli;

19. Illi bla ħsara għas-suespost u f'kull każ, *dato ma non concesso* li r-rikorrent setgħa jinvoka l-Artikolu 34 tal-Karta tad-Drittijiet Fondamentali tal-Unjoni Ewropea, tali ilment ma setgħax jinġieb permezz ta' rikors Kostituzzjonali u għalhekk din it-talba ma tiswiex. Dan għaliex tenut kont tar-regolament 2 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.09, prċoediment skond l-Artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u skond l-Artikolu 4(1) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea u l-proċediment quddiem il-Qorti Kostituzzjonali fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 95(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta għandhom jinbdew permezz ta' rikors. Li jfisser għalhekk li <u>kwalunkwe azzjoni oħra</u>, anke jekk f'sens ġeneriku tolqot kwistjoni ta' portata kostituzzjonali, izda li ma tkunx ksur Kostituzzjonali jew Konvenzjonali trid tinbeda <u>b'rikors ġuramentat</u>. Għalhekk sa fejn il-lanjanza tar-rikorrent tirrigwarda l-Artikolu 34 tal-karta tal-Unjoni Ewropea, din ma tistax' tintlaqà;

20. Illi bla ħsara għas-suespost, anke fil-mertu, it-tieni (ii) talba hija wkoll infondata fil-fatt u fid-dritt.

Għaldaqstant, l-esponent jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent, bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent.'

Rat ir-risposta ta' **Beacon Media Group Limited** (C12857) li taqra kif isegwi:

1. 'ILLI preliminarjament ma teżisti l-ebda entità legali bl-isem 'Newsbook.com.mt', u għaldaqstant u sakemm ma ssirx il-korrezzjoni meħtieġa, ir-rikors odjern huwa irritwu u null fil-konfront ta' l-esponenti u għandu jiġu miċħud bl-ispejjeż kontra r-rikorrent. L-esponenti tirrileva illi 'Newsbook.com.mt' huwa purament *domain name* użat mis-soċjetà esponenti, u għandu jkun paċifikament ovvju illi l-kawżi ma jistgħux jiġu proposti kontra *domain name*, iżda *se mai* kontra min iħaddem dak id-*domain name* jew min ikun is-sid tiegħu;

2. ILLI inoltre u mingħajr preġudizzju għall-premess, ir-rikors in kwistjoni huwa improponibbli kontra entità għal kollox privata u li ma għandha l-ebda rwol, kariga jew mansjoni pubblika bħalma hi l-esponenti. L-esponenti ma hijiex parti mill-Istat jew mill-Amministrazzjoni Pubblika, u għalhekk huwa diffiċli tifhem kif entità privata setgħet qatt aġixxiet jew ħadet deċiżjonijiet illi setgħu kissru d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent. Il-dritt pubbliku illi fuqu huwa msejjes ir-rikors promotur ma jista' qatt jissussisti bejn żewġ individwi jew entitajiet privati, u kwindi r-rikors in kwistjoni għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu u bl-ispejjeż kontra r-rikorrent, kemm-il darba dan huwa mmirat lejn l-esponenti;

3. ILLI inoltre, u wkoll in linea preliminari, ir-rikors tar-rikorrent ma huwiex ċar, u l-kontenut tiegħu bl-ebda mod ma jispjega kif l-esponenti hija – mqarr remotament – risponsabbli għal xi ksur fid-drittijiet fundamentali tar-rikorrent u/jew għal xi danni naxxenti minn tali ksur u sofferti mir-rikorrent. Għaldaqstant huwa diffiċli tifhem

għalfejn l-esponenti ġiet imħarrka fil-każ odjern, għajr għal skopijiet purament frivoli u vessatorji għall-aħħar – u kwindi t-talbiet tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom u għas-spejjeż tar-rikorrent;

4. ILLI fil-mertu, u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-esponenti tirrileva illi topera s-sit elettroniku *Newsbook.com.mt* li permezz tiegħu tippubblika aħbarijiet, kemm lokali u internazzjonali, u ilha tagħmel dan għal numru twil ta' snin – tant illi saret pjattaforma ewlenija ta l-aħbarijiet f'Malta. Kemm-il darba r-rikorrent qiegħed jippretendi, permezz tar-rikors odjern, illi l-esponenti tinstab risponsabbli b'xi mod għax ippubblikat fatti veri dan ikun ifisser illi d-dritt għall-espressjoni ħielsa ta' l-esponenti kif sanċita fl-Art. 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-Art. 10 tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta ser ikun leż bl-iżjed mod lampanti. Isegwi għalhekk illi r-rikors odjern huwa wieħed imsejjes fuq premessi assurdi, u għandu għalhekk jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra r-rikorrent;

5. ILLI subordinatament għar-raba' eċċezzjoni, l-esponenti tirrileva illi l-artikolu ippubblikat minnha fid-19 ta' Marzu, 2023 jikkonsisti f'fatti sostanzjalment veri, u li jammontaw għal *fair comment* fil-konfront tar-rikorrent. Għaldaqstant, u ġaladarba l-esponenti ma eċċediet l-ebda limitu impost mill-liġi, jsegwi illi l-pubblikazzjoni ta' l-esponenti tgawdi mill-protezzjoni sħiħa ta' l-Art. 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u ta' l-Art. 10 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. ILLI l-esponenti tirrileva illi qabel illum, ir-rikorrent ma ppreżenta l-ebda kawża ta' libell kontra tagħha fir-rigward ta' l-artikolu ppubblikat minnha fid-19 ta' Marzu, 2023. Dan

ifisser mhux biss illi r-rikorrent ma eżawriex r-rimedji ordinarji kollha li tagħtih il-liġi, imma impliċitament qiegħed jaċċetta illi l-istorja ppubblikata dwaru mill-esponenti ma fih l-ebda kontenut inveritier u/jew libelluż u/jew diffamatorju fil-konfront tiegħu. Għaldaqstant din il-kawża hija intempestiva għall-aħħar u t-talbiet tar-rikorrent għadhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu.

7. ILLI ħlief għall-attivitá ġurnalistika ta' l-esponenti, kif imfisser fl-eċċezzjonijiet preċedenenti, l-esponenti ma topera fl-ebda qasam ieħor illi b'xi mod jolqot l-artikoli 1 sa' 7 ta' l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta, u li r-rikorrent jallega illi ġew leżi minħabba xi aġir jew attivitá tal-esponenti. Apparti illi l-Artikolu Numru 1 fl-Iskeda ma jeżistix, l-Artikolu 2 sa' 7 jirrigwardjaw d-dritt għall-ħajja, d-dritt kontra trattament diżuman jew degradanti, id-dritt li ma jinżammx bħala skjav, id-dritt tal-libertá fuq persuntu, id-dritt għal smiegħ xieraq, u d-dritt għall-preżunzjoni ta' l-innoċenza. Għandu jkun manifestament ovvju illi l-esponenti ma għandha l-ebda setgħa li tiddetermina jekk ir-rikorrent igawdix minn dawn id-drittijiet o meno, u għaldaqstant, it-talbiet tar-rikorrrenti huma manifestament infondati fil-konfront ta' l-esponenti u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti;

8. ILLI subordinatament għas-seba' eċċezzjoni, it-talba illi '*l-intimat ma jirrispettax l-artikolu 34 tal-karta tal-UE*' kemm-il darba din hija diretta lejn l-esponenti hija talba assurda għall-aħħar, u dana stante illi l-Artikolu 34 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jaqra hekk:

**Artikolu 34 - Sigurtà soċjali u assistenza soċjali**

1. L-Unjoni tirrikonoxxi u tirrispetta d-dritt għal benefiċċji ta' sigurtà soċjali u servizzi soċjali li jipprovdu protezzjoni f'każijiet bħal ma huma l-maternità, il-mard, l-inċidenti fuq il-post tax-xogħol, id-dipendenza jew l-anzjanità, u fil-każ ta' telf tax-xogħol, skond ir-regoli stabbiliti mil-liġi ta' l-Unjoni u mil-liġijiet u l-prattiċi nazzjonali.
2. Kull min jirrisjedi u jmur minn post għal ieħor legalment fl-Unjoni Ewropea hu intitolat għall-benefiċċji ta' sigurtà soċjali u l-vantaġġi soċjali, skond il-liġi ta' l-Unjoni u l-liġijiet u l-prattiċi nazzjonali.
3. Sabiex jiġu miġġielda l-esklużjoni soċjali u l-faqar, l-Unjoni tirrikonoxxi u tirrispetta d-dritt għal għajnuna soċjali u għal għajnuna għall-akkomodazzjoni sabiex tiżgura l-eżistenza dinjituża għal dawk kollha li huma neqsin minn riżorsi suffiċjenti, skond ir-regoli stabbiliti mil-liġi ta' l-Unjoni u mil-liġijiet u l-prattiċi nazzjonali.

Għandu jirriżulta pależement illi l-esponenti ma għandha l-ebda rwol fid-determinazzjoni tas-sigurtá soċjali u/jew assistenza soċjali li tingħata lir-rikorrent, u kwindi it-talba tar-rikorrent hija manifestament infondata fil-konfront tagħha u għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra r-rikorrent;

9. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri kif permess mil-liġi.’

Rat in-nota tal-Avukat Dr. Frank Cassar datata 5 ta’ Mejju, 2023 li permezz taghha irrinunzja ghall-patrocinju tar-rikorrent (fol. 19).

Rat illi fil-verbal tat-18 ta’ Mejju, 2023 l-eccezzjoni dwar l-indikazzjoni tal-intimat Newsbook.com.mt giet sorvolata billi gie sostitwit bil-kliem Beacon Media Group Limited (C12857) u l-ewwel eccezzjoni tal-istess intimata giet irtirata.

Rat illi fil-verbal tal-11 ta’ Jannar, 2024 ir-rikorrent ceda r-rikors odjern limitatament fil-konfront tas-socjeta’ ntimata Beacon Media Group Limited (fol. 644) b’dana li t-tielet talba giet sorvolata.

Rat illi fil-verbal datat 25 ta’ April, 2024 ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta’ tal-partijiet li jipprezentaw noti ta’ sottomissjonijiet b’termini mposti fuqhom;

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha

**Ikkunsidrat:**

Illi permezz tar-rikors ta' indoli kostituzzjonali odjern, rikors konfuzjonarju għall-aħħar u li ftit li xejn jista' jigu mifhum, ir-rikorrent jidher li qed jallega ksur ta' diversi drittijiet fundamentali tiegħu fejn isemmi b'mod partikolari akkuzi li ngabu fil-konfront tiegħu fil-media li huwa kien qed imexxi xi agenzija tax-xogħol għall-persuni barranin b'mod frawdolenti u li b'xi mod dawn l-akkuzi u kif gew riportati fil-media lledew id-drittijiet fundamentali tiegħu. Jitlob għalhekk li din il-Qorti issib il-lezjoni taħt id-diversi artikoli ndikati minnu u cioe' l-artikoli, 1, 2, 3, 4, 5 6 u 7 tal-Kap. 319 Att dwar il-konvenzjoni Ewropea għal ragunijiet mhux cari fosthom izda għaliex ma kienx akkumpanjat minn Avukat waqt l-interrogazzjoni. Jitlob ukoll li jigi dikjarat li ma giex applikat favur tiegħu l-artikolu 34 tal-karta tal-Unjoni Ewropea għaliex mhux jircievi beneficcji socjali pendenti l-proceduri kriminali. It-talbiet fil-konfront tal-intimata Newsbook kif konsegwentement korretta gew irtirati.

L-intimati jeccepixxu fost diversi eccezzjonijiet, fl-ewwel lok in-nuqqas ta' kjarezza tar-rikors promotur, li l-artikoli indikati mil-ligijiet u l-karta msemmija ma japplikawx u li fil-mertu l-pretensjonijiet tar-rikorrent huma frivoli u vessatorji u m'għandhomx jigu milqugħa.

Illi fil-mertu, l-Qorti rat id-dokumentazzjoni annessa mar-rikors promotorju nkluz il-kopja tal-karta tal-identita' tar-rikorrent a fol. 3 tal-process, artikolu fuq il-media intitolat 'Recruitment agency accused of making false promises, fraudulent gains' datat 19 ta'

Marzu, 2023 a fol. 4 tal-process u ittra ta' risposta a fol. 7 et seq tal-process.

Rat ix**-xhieda tal-Assistent Registratur Stephania Calafato Testa li esebit kopja tal-atti kriminali a fol. 24 e**t seq tal-process.

Rat l-atti kollha kriminali u partikolarment taghmel referenza ghas-segwenti:

1. Illi r-rikorrent tressaq akkuzat nhar l-24 ta' Settembru, 2020 bl-akkuzi relatati ma' falsifikazzjoni u frodi relatati mac-cittadinanza Maltija tieghu kif elenkati a fol. 30 et seq tal-process li allegatament sehhew f'dawn il-gzejjer. Dak in-nhar l-imputat, illum rikorrent, ma kkontestax il-validita' tal-arrest u ddikjara li mhux hati. Il-Qorti tal-Magistrati rrifjutat il-liberta' provizorja u ordnat l-iffrizar tal-assi tal-imputat filaqt li awtorizzat li jircievi s-somma ta' €13,976.24 fis-sena skont il-ligi. Bhala impjieg huwa ddikjara li huwa 'volunteer' (ara fol. 42). Rat li f'dokumentazzjoni ohra esebita fl-atti kriminali huwa ndika li kien 'business man' (ezempju fol. 178). Mid-dokument tal-Jobsplus a fol. 275 jidher li huwa kien ilu jiddikjara li ma jahdimx mis-sena 2010 l-quddiem.

2. Rat li r-rikorrent ghandu karta tal-identita' u passaport Malti u li fuqhom huwa ndikat bhala cittadin Malti.

3. Rat li fis-seduta tal-kumpilazzjoni tal-5 ta' Ottubru, 2020 nstemghu diversi provi u nghata d-digriet tal-*prima facie*. Rat li x-xhieda mressqa u d-dokumentazzjoni esebita kienu relatati mal-prova dwar il-post tat-twelid tar-rikorrent.

4. Mix-xhieda tal-Ispettur Zammit fl-atti kriminali a fol. 90 tal-process jirrizulta li r-rikorrent inghata d-dritt li jkellem Avukat u li

dak in-nhar ghazel li jkellem lil Dr. Leslie Cuschieri (ara wkoll fol. 94). Wara li gie rikoverat l-isptar u rega' gie biex jigi nterrogat rega' nghata d-dritt li jkellem Avukat u din id-darba kellem lil Dr. Roberto Montalto u li wara li kellmu dan tal-ahhar infurmah li ma kienx ser ikun prezenti ghall-istqarrija. L-ispettur Jeffrey Cutajar a fol. 437 ukoll ikkonferma li l-imputat ikkonsulta mal-Avukat Dr. Roberto Montalto qabel ma saret l-interrogazzjoni.

5. Illi l-imputat rikorrent inghata l-liberta' provizorja, wara diversi rikorsi nhar l-4 ta' Novembru, 2020.

6. Rat li mal-intavolar tar-rikors odjern, il-kumpilazzjoni kienet waslet fl-ahhar fazi taghha izda giet sospiza *sine die* pendenti l-kawza odjerna.

Rat **ix-xhieda tal-Ispettur Omar Zammit moghtija quddiem din il-Qorti fis-seduta tal-25 ta' April, 2024 a fol. 647 et seq tal-process.** Dwar il-kaz tar-rikorrent jixhed kif isegwi:

'Mela ee bazikament dak iz-zmien kont stazzjonat il-Counter Terrorism Unit. Emm fej qed nghidu two thousand eighteen, l-investigazzioni ma bdietx ezatt fuq Danyal Dad Tarar imma kienet bdiet fuq allegatament huh jew kuginuh Ahmad Aziz. Fejn fuq allegatament forgery of documents u li gab bihom gabu c-cittadinanza, fejn kellna mandat t' arrest ghal Ahmad Aziz eemm biex ghax kien qieghed imsiefer, u kif wasal l- airport, nhar it-tlieta ta' Mejju two thousand eighteen, ahna konna morna narrestaw lil Ahmad Aziz mill-airport. Kif wasalna l- airport kien hemm qed jistennih eemm is- sur Tarar flimkien mal- mara tieghu emm fejn qamilna suspett ukoll li l-istess affarijiet li ghamel Ahmad Aziz seta' wkoll ghamilhom Danyal Tarar. E jumejn wara is- Surpretendent tieghi, dak li llum Assistent Kummissarju

George Cremona, kien talab l- informazzioni lil Identity Malta fuq Danyal Tarar fejn konna rcivejna d-dokumenti kif gab ic-cittadinanza u konna bdejna l- investigazzjoni fejn id-dokumenti kienu jidhru cari li huma kwazi identici ee u u allegatament forged emm bhal ma kienu ta' Ahmad Aziz emm tejn u ahna eemm konna tlabna inkjesta. Konna ftahna inkjesta rigward dan da rigward Danyal Tarar li l-uni, il- haga li ma konniex ghamilna fuq Ahmad Aziz. Emm bdejna naghmlu interrogatorji ma' Canada biex ingibu d- d, emm I- inves, l- informazzjoni li kellna bzonn ghax kien hemm hafna allegazzi
jonijiet, midwife li ghamlet rapport hemm kollox fid-dokumenti ee biex fil- ee wara li bdejna naghmlu dan l- investigazzionijiet u kollox igifieri, jekk minix sejjer zball 2020, ezattament fis- sittax ta' Settembru elfejn u ghoxrin emm wara li gibna mandat ta' arrest, ahna konna arrestajna lil Danyal, eemm fejn wara li arrestajnieh, ovvjament informajnieh bid drittijiet kollha tieghu, li jista' jkellem avukat, fuq xiex arrestat, emm fejn kien niftakar kien hass emm xi ugiegh f sidru u ovvjament rightly so, kien ittiehed emm ee ghal kura. Ee kien inzamm I- isptar Mater Dei, u kien gie released fit-tlieta u ghoxrin ta' Settembru emm 2020, igifieri ed nghidu six days wara.

Emm ovyjament rega gie arrestat biex ikompli jigi investigat. Kien rega' inghata, informat b' kollox, bid-drittijiet tieghu, fuq x' inhu arrestat u u kollox, kien ghazel li jkellem emm lil Dr Montaldo, ee Dr Roberto Montaldo qabel ovvjament ma hadtlu starrija jiena. Eee jekk minix sejjer zball l-istqarrija kienet saret fil- prezenza tal-Ispettur ukoll Jeffrey Cutajar em fej Dr Montaldo ma kienx prezenti ghal din l-istqarrija. Emm on the twenty fourth, ghax ghandi miktub hawnhekk, on the twenty fourth September 2020 ahna mbaghad konna ressaqna lil Danyal Tarar il-Qorti akkuzat b'

diversi akkuzi fosthom li hemm forgery ta' dokumenti, li gab ic-cittadinanza b' mod ghax ifforgerja d- dokumenti u affarijiet hekk.'

Jikkonferma li huma infurmaw lir-rikorrent u taw lir-rikorrent id-drittijiet kollha kemm li jkellem avukat kif ukoll li jkollu avukat waqt l-interrogazzjoni. Jghid li huwa nforma lir-rikorrent li Dr. Montalto ma kienx ser jattendi ghall-istqarrija ghaliex fil-fatt hekk kien infurmah lilu wkoll Dr. Montalto u qallu li kien informa lill-klijent ukoll. Ir-rikorrent ma nsistiex li jkun hemm l-Avukat altrimenti kienu jieqfu u jsibu avukat iehor jekk hemm bzonn.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi fl-ewwel lok din il-Qorti ma tistax ma taqbilx ma' dak eccepit u sottomess mill-intimat Avukat tal-Istat li r-rikors odjern huwa konfuzjonarju ghall-ahhar u ftit li xejn jista' jinftiehem dak li qed jilmenta minnu r-rikorrent u dak li qed jigi mistenni minn din il-Qorti. Tant ir-rikors huwa konfuzjonarju u miktub b'mod dillettantesk, daqs li kieku kitbitu persuna mhux legali bil-lingwa Ingliza u ntuza l-Google Translate sabiex inqeleb ghall-lingwa Maltija u gie hekk sottomess lil din il-Qorti, li l-avukati li assumew il-patrocinju tar-rikorrent wara li rrinzunja min prezenta rikors, fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom ghamlu biss referenza ghall-istqarrija u talbu li din il-Qorti taghti unikament ir-rimedju li din tigi sfilzata. Din il-Qorti hija certa li lanqas l-Avukati li assumew il-patrocinju tar-rikorrent ma fehmu x'hemm miktub, x'qed jigi allegat u x'qed jigi mitlub fir-rikors promotur.

Illi l-Qorti tirrileva wkoll li l-konfuzjoni f'dan il-kaz tirrenja ferm aktar stante li filwaqt li fir-rikors promotur l-emfasi tar-rikorrent hija fuq l-allegazzjonijiet fil-konfront tieghu dwar allegat frodi relatat ma' xi agenzija tax-xoghol, fl-atti gew prezentati l-

proceduri kriminali fil-konfront tieghu fuq allegata falsifikazzjoni u frodi relatata mal-applikazzjoni tieghu sabiex ottjena ic-cittadinanza Maltija. Apparti minn hekk fir-rikors jissemmew xi akkuzi kriminali fil-konfront tar-rikorrent li skont hu twettqu fil-Pakistan lura fl-2009 fejn jibda jsostni li allura l-awtoritajiet Maltin m'ghandhomx gurisdizzjoni fuqhom u li skont hu huma preskritti. Dwar dan kollu fl-atti rimanenti u fin-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent ma ssemma' xejn.

Illi l-Qorti rat li fl-atti odjerni r-rikorrent lanqas biss ghazel li jixhed sabiex forsi jitfa' ftit dawl dwar dawk li huma l-pretensjonijiet tieghu fir-rikors odjern.

Illi mhux xoghol din il-Qorti fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha li tipprova taghmel tiddecifra dak li suppost qed jghid ir-rikorrent fir-rikors intavolat minnu stess u tipprova ssib xi haga allegatament leziva fil-konfront tieghu fil-kopja tad-dokumentazzjoni li semplicement giet esebita fl-atti.

Illi fuq kollox din il-Qorti taqbel ukoll mal-eccezzjoni tal-intimat Avukat tal-Istat li l-artikoli 1, 2, 3, 4, 5, 6 u 7 tal-Kap. 319 tal-Att Dwar il-Konvenzjoni Ewropea ma jipprovdux ir-rimedji li qed jitlob ir-rikorrenti u fil-fatt m'humiex direttament applikabbli tant li jidher car li f'dan il-kaz sar zball fl-indikazzjoni tal-artikoli. Il-Qorti rat ukoll li nonostante l-eccezzjoni mqajjma mill-intimat Avukat tal-Istat f'dan ir-rigward, ir-rikorrent fl-atti ma prova jaghmel ebda tentattiv sabiex jikkoreggi dan l-izball. Il-Qorti ghalhekk tqis li l-ewwel talba kif dedotta ma tista' qatt tirnexxi u ser tghaddi sabiex tichadha.

Illi anki kieku wiehed kellu jikkunsidra dan il-kaz bhala allegazzjoni ta' lezjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq ghaliex ir-

rikorrent isostni li ma kienx assistit minn Avukat waqt l-istqarrija (dak li fuqu jissottometti r-rikorrent fin-nota tieghu), irrizulta ampju mill-atti kriminali annessi, kif ukoll mix-xhieda tal-Ispettur Omar Zammit li r-rikorrent mhux biss darba, izda darbtejn inghata l-jedd li jkellem Avukat fejn l-ewwel darba kellem lil Dr. Leslie Cuschieri izda ma ttihditx stqarrija ghaliex iddahhal l-isptar, filwaqt li fit-tieni darba huwa ghazel li jkellem lil Dr. Roberto Montalto u fil-fatt hekk ghamel. Dan tal-ahhar wara li kellem lir-rikorrent informa lill-pulizija li huwa ma kienx ser jattendi ghall-istqarrija u li dwar dan kien tkellem mar-rikorrent. Waqt l-istqarrija ma jirrizultax li r-rikorrent insista li jkollu avukat mieghu. Fuq kollox fl-istqarrija in kwistjoni jidher li r-rikorrent ghazel li ma jwegibx ghal dawk id-domani li setghu jinkriminawh.

Illi ghaldaqstant in vista tal-analizi suesposta, din il-Qorti wkoll ma tqisx li tressqu provi sufficjenti sabiex jevidenzjaw li b'xi mod gie lez id-dritt ghal smigh xieraq tar-rikorrent bil-presentazzjoni tal-istqarrija tieghu fl-atti kriminali.

Illi dwar it-tieni talba tar-rikorrent b'referenza ghall-artikolu 34 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, l-intimat Avukat tal-Istat ghandu ragun jeccepixxi li din ukoll mihiex applikabbli ghall-kaz tar-rikorrent stante li huwa minnu li din tapplika esklussivament ghall-istituzzjonijiet, korpi u agenziji tal-Unjoni u biss ghall-Istati Membri meta dawn ikunu qed jimplimentaw il-ligi tal-Unjoni. Fil-kaz odjern ma tressqet l-ebda evidenza li l-ilment huwa relatat ma xi applikazzjoni tal-ligi tal-Unjoni mill-Istat ghalhekk mhix applikabbli. It-tieni talba tar-rikorrent ghaldaqstant ukoll mihiex gustifikata.

Illi in vista ta' dak kollu suespost din il-Qorti tqis li r-rikors odjern jikkonsisti biss f'attentat frivolu u vessatorju ghall-ahhar mir-

rikorrent sabiex b'xi mod jiddevja, jwaqqaf jew jissospendi l-proceduri kriminali fil-konfront tieghu kif fil-fatt irnexxilu jaghmel u dan permezz ta' rikors promotorju li ftit li xejn jixraq lill-Avukat li prezentah.

In vista ta' dak suespost din il-Qorti tqis li jkun aktar hela ta' hin u futli li tidhol aktar fid-dettal fl-eccezzjonijiet kollha tal-Avukat tal-Istat.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha suesposti il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi l-ilment kostituzzjonali odjern billi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-Avukat tal-Istat sakemm dawn huma kompatibbli ma' dak hawn deciz u stante li ma sabet ebda tracca ta' lezjoni ta' drittijiet fundamentali tar-rikorrent, minn dak li setghet tifhem mir-rikors promotorju ferm konfuzjonarju, tghaddi sabiex tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent.

Fic-cirkustanzi u ghar-ragunijiet suesposti tiddikjara dan ir-rikors frivolu u vessatorju.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrent.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**28 ta' Novembru, 2024**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**28 ta' Novembru, 2024**